**282. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi skont l-artiklu 25 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill għandha tikkonsisti f'Rappreżentanti u Sostituti tagħhom ta' kull parlament li hu Membru fil-Kunsill, liema Rappreżentanti u sostituti għandhom ikunu eletti jew maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skond kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-artiklu 26 tal-istess Statut jistabbilixxi illi l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari għandhom ikunu tlieta li jista' jkollhom tliet Sostituti tagħhom;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar bħala dawn ir-Rapċpreżentanti tagħha lil:

L-Onorevoli Daniel Micallef, President tagħha;

L-Onorevoli Joseph Brincat; u

L-Onorevoli Vincent Tabone;

U illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom;

L-Onorevoli John Buttiġieg, Deputat President tagħha

L-Onorevoli Leo Brincat; u

L-Onorevoli Guido de Marco; u

Huwa wkoll riżolut li illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut tiegħu tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċiedix xorta'oħra; u

Illi l-Onorevoli Membri, hekk maħtura għandhom, darba kull sitt xhur, jippreżentaw rapport lill-Kamra, u jekk ikun il-każ, rapport ta' Minoranza wkoll, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-

istess perijodu; u kopja ta' dan ir-Rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u tkun ċirkolata lill-Onorevoli Membri;

Illi għalhekk ir-Riżoluzzjoni ta' din il-Kamra tal-11 ta' Settembru, 1985 dwar ir-rappreżentanza ta' dan il-Parlament fl-Assemblea Konsultattiva, hija b'din ir-Riżoluzzjoni revokata.

20.01.1986